# Il-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat

*kitba ta' Mons. Ġwann Azzopardi*

Meta l-gżejjer tagħna għaddew taħt il-ħakma Rumana, huma ngħataw l-isem ta' Melita u Gaudos. Il-belt ewlenija ta' gżiritna ħadet ukoll l-istess isem ta' Melita, iżda kienet wisq akbar mill-belt imċekkna tal-lum li ġġib l-isem ta' Mdina. Hu maħsub li kienu l-Biżantini li ċekknu l-belt tagħna bħalma ċekknu wkoll numru kbir ta' bliet oħra fl-Imperu. L-Għarab warajhom taw lill-belt imċekkna l-isem ta' Mdina waqt li ż-żona estensiva ta' madwarha semmewha Rabat.

Il-belt Rumana kienet imdawra b'foss li parti minnu għadu magħha sa llum, sewwa sew wara l-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, li hi mibnija proprju fil-foss Ruman. Sal-bidu tas-sittinijiet dik li llum hi Triq Santa Rita kienet biċċa oħra ta' dan il-foss Ruman. Il-belt l-antika f'xi żmien kienet ukoll imdawra bi swar kif hi l-Imdina llum.

## L-eqdem 'knisja'

L-ewwel knejjes tagħna kienu bosta drabi fl-għerien u fosthom u b'mod ewlieni waħda ddedikata lil San Pawl. Din kienet ġo wieħed mill-għerien sewwasew barra mis-swar. Diġà fl-1366 tissemma f'dokument bħala *ecclesia Sancti Pauli de crypta* u fid-dokumenti ta' wara tissejjaħ bħala l-knisja *Sancti Pauli extra Muros* jew *San Paolo fuori le mura*, l-istess bħal dik ta' Ruma, li wkoll hi mibnija barra mis-swar tal-belt.

Il-fondazzjoni ta' din il-knisja hi mitlufa fl-ibgħad żmenijiet, iżda tradizzjoni l-aktar qadima żżomm li dik il-Grotta Mqaddsa hi l-bażi tal-Kristjaniżmu f'Malta għax Missierna San Pawl għamel użu minnha bħala bażi għall-ħidma appostolika tiegħu. Għalkemm Publiju, il-Protos tal-gżira, laqa' tajjeb lil Pawlu u rċieva b'kumpens il-fejqan ta' missieru u tal-morda tal-gżira, hu wisq probabbli li taħt il-ħakma ta' Ruma pagana l-ewwel komunità Nisranija mwaqqfa f'Malta minn San Pawl kienet "ecclesia domestica", knisja tad-dar, li ma tantx tagħmel ħoss pubbliku.

L-għażla tal-Grotta barra mis-swar tagħmel ukoll sens għax San Pawl, għalkemm kellu l-privileġġ għoli ta' *Civis Romanus*, ċittadin ta' Ruma, kellu jinżamm indukrat minn suldat biex żgur jasal quddiem Ċesare; u l-Grotta, sewwasew barra s-swar imma viċin ħafna tal-belt, kienet post ideali fejn jiġi kustodit l-aktar bil-lejl, għalkemm matul il-jum seta' jwettaq bil-libertà l-ħidma tiegħu.

## Tikber il-qima

Fil-Medjuevu, wara l-ħakma Għarbija, madwar il-Grotta, żviluppa kompless arkitettoniku Pawlin li kienu jżuruh bosta pellegrini anke barranin. Barra minn hekk, ħafna xtaqu jindifnu fiċ-ċimiterju li kien hemm viċin il-Grotta, u nies għonja saħansitra bnew kappelli għalihom infushom f'dan iċ-ċimiterju. Aktar tard fuq il-Grotta, iżda max-xellug tagħha, inbniet knisja fil-livell tat-triq li kienet magħquda mal-istess Grotta.

Ta' min iżid li, fir-Rabat, insibu knejjes oħra fl-għerien bi knisja oħra fuqhom fil-livell tat-triq, bħal Sant' Agata u l-Madonna tal-Għar. Inżidu wkoll li l-pożizzjoni ta' dawn il-knejjes barra s-swar tal-belt tal-Imdina kienet tirrendihom vulnerabbli għall-attakki li spiss kienu jsiru mill-pirati Torok.

Din il-grotta ta' San Pawl kienet il-parroċċa tat-territorju tar-Rabat u tal-Imdina li kienu jiffurmaw parroċċa waħda. Aktar tard, fis-sena 1578, il-parroċċa Rabat-Mdina ngħaqdet mal-Katidral bħala l-ħames dinjità tal-Kapitlu tiegħu. Din ir-rabta damet sas-sena 1902 meta r-Rabat u l-Imdina saru żewġ parroċċi.

## Benefatturi

Mal-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta fl-1530 f'pajjiżna daħlet aktar sigurtà, tant li l-isqfijiet baqgħu dejjem residenti f'Malta. U malli ttaffa l-periklu tat-Torok wara r-rebħa tal-Assedju l-Kbir, bdiet ċerta prosperità. Il-Grotta ta' San Pawl sabet żewġ benefatturi ta' kapaċità, diplomazija u saħħa, li tefgħu għajnejhom fuqha u kkollaboraw għall-promozzjoni tagħha.

L-ewwel wieħed kien l-eremita Spanjol Juan Benegas de Cordoba. Dan kien ġie Malta fl-1599 u ddeċieda li jkabbar il-qima lejn il-Grotta bħala ċentru ta' talb u pellegrinaġġi. Huwa akkwistaha taħt il-kura tiegħu mingħand il-Papa Pawlu V u ġab qassisin biex joffiċjaw fiha. Kiseb għall-Grotta, mingħand il-Papa u renjanti, bosta relikwi, indulġenzi u paramenti sagri, u żejjinha bi statwi. Bena wkoll fuqha knisja ddedikata lil San Publiju. Meta ġie biex iħalli Malta, Benegas bil-kunsens tal-Papa, ċeda kollox lill-Ordni ta' San Ġwann.

It-tieni benefattur tal-Grotta kien il-Gran Mastru Aloph de Wignacourt, li waqqaf fiha Kolleġġjata Ġerosolimitana u bnielha kunvent (magħruf bħala l-Kulleġġ) fejn kienu jgħixu l-kappillani tal-Ordni biex fiha jitolbu, jirreċitaw l-Uffizzju Divin u jqaddsu. Lill-Grotta l-Granmastru għanieha b'bosta ġid biex ikunu jistgħu jieħdu ħsiebha

kif jixraq u jżejnuha bl-opri, u l-kappillani jkollhom mnejn jgħixu. Illum f'dan il-kunvent insibu l-Mużew Wignacourt.

## Relikwi u opri tal-arti

Għal mijiet ta' snin il-Grotta kienet ċentru ta' talb kontinwu u pellegrinaġġi. Fost ir-relikwi tagħha hemm biċċa mid-driegħ ta' San Pawl. Din ir-relikwa fl-1964/5 marret f'pellegrinaġġ l-Awstralja, l-Amerika, il-Kanada u Ruma għand il-Papa Pawlu VI. Fis-sena 2008 marret mill-ġdid l-Awstralja meta kien hemm il-Papa Benedittu XVI u l-Arċisqof Pawl Cremona għall-Festival Dinji taż-Żgħażagħ.

Fost l-opri ta' devozzjoni u arti nsibu statwa fl-irħam, xogħol ta' Melkjorre Gafà, li tinsab fuq altar fil-Grotta, kwadri ta' Mattia Preti u Francesco Zahra, u opri oħra.

Meta telqu l-Kavallieri minn Malta l-kura tal-Grotta għaddiet f'idejn is-saċerdoti djoċesani, u fl-1962 il-Grotta reġgħet ingħaqdet mal-Parroċċa kif kienet qabel il-miġja tal-Kavallieri.

Il-Papa Ġwann Pawlu II żar il-Grotta f'Mejju 1990 u ħeġġiġna biex nitolbu ħafna lil San Pawl. F'din is-Sena Pawlina li għaddiet saru diversi attivitajiet bil-għan li jgħinuna nsiru nafu aħjar u nħożżu t-tagħlim ta' San Pawl Missierna u ngħixuh fil-ħajja tagħna.





Għandek bżonn xi pallets għall-fire place jew biex tpoġġi xi merkanzija fuqhom, tankijiet ta' kull tip u daqs.

Ċempel issa lil Jonathan fuq 9980 5414





Jixtieq il-festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha